MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 514/2004

**United Acceptances Finance Limited**

**Vs**

**Jesmond Vella**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex il-konvenut jigi kkundannat sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mitejn tlieta u sittin liri Maltin, tnax-il centezmi u erba' millezmi (Lm2,263.124), import ta' kambjali minnu accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu hawn annessi u mmarkati Dok '1' sa '6', liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gie nterpellat sabiex ihallas.

Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali u tal-mandati kawtelatorji li gew ipprezentati kontestwalment ma din il-kawza, kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut Jesmond Vella qatt ma ffirma l-ebda kambjala favur is-socjeta' attrici United Acceptance Finances Limited;
2. Illi ghalhekk il-konvenut m'ghandu l-ebda dejn favur is-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma kkontestati:

*Il-verzjoni tas-socjeta attrici*

1. Skont il-verzjoni tas-socjeta attrici, l-attur mar ma certu Noel Borg fl-ufficini tas-socjeta attrici u xtara mutur ta' dghajsa bil-prezz ta' tliet elef u tliet mitt lira Maltin (Lm3,300).
2. Il-konvenut iffirma l-hire-purchase agreement, fejn halla deposit ta' elf u mitt lira Maltin (Lm1,100), fil-waqt li r-rimanti bilanc kellhom jithallsu b'pagamenti mensili.
3. Il-konvenut iffirma ftehim iehor fejn accetta *inter alia* li l-bilanc jithallas permezz ta' kambjali u iffirma sitt (6) kambjalijiet.[1]
4. Il-konvenut baqa' ma hallasx il-kambjalijiet u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

*Il-Verzjoni tal-Konvenut*

1. Il-konvenut jghid li kellu dghajsa b'zewg muturi, u li habib tieghu Noel Borg kien se jkollu nofs billi jixtri mutur. Fil-fatt Noel Borg kellu jkollu jedd biss fuq il-mutur u mhux fuq id-dghajsa.
2. Noel Borg qallu li kien jaf lit-tfajla li tahdem mas-socjeta attrici, certa Katya Izzo u marru fl-ufficini tas-socjeta attrici biex jixtru l-mutur.
3. Dak iz-zmien Noel Borg ma kellux flus, u allura l-konvenut hareg l-ewwel depozitu u hallas elf u mitt lira Maltin (Lm1100), u l-ircevuta inharget fuqu.
4. Il-kumplament tal-prezz kellu jithallas minn Noel Borg.
5. Il-konvenut jeskludi li hu ffirma l-kambjalijiet ezebiti, u jghid li l-firma mhix tieghu, u li hu ma kienx joqghod fl-indirizz indikat fuq il-kambjalijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

[1] Ara Dok RB1 sa RB9 ezebiti a fol. 27 *et seq.* tal-process.

Ir-rizoluzzjoni ta' din il-kawza jiddependi fuq liema versjoni din il-Qorti tirritjeni li hija iktar kredibbli fuq bazi ta' probabbilita.

Wara li l-Qorti fliet il-process u hasbet fit-tul, hija waslet ghall-konkluzjoni li l-verzjoni tas-socjeta attrici hija aktar attendibbli – anke jekk tiskarta x-xhieda ta' Noel Borg, li seta' kellu motivi ulterjuri ghalfejn xehed kif xehed. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ghas-segwenti ragunijiet:

1. Katya Izzo, impjegata tas-socjeta attrici xehdet li tiftakar dan il-kuntratt ghax Noel Borg, kien habib taghha wkoll. Hi xehdet li l-konvenut iffirma l-kuntratt dakinhar stess, pero mhux il-kambjali peress li dawn ma kienux lesti. Hija accettat li l-konvenut jiehu l-mutur tal-bahar u jiffirma l-kambjalijiet darb'ohra. Hija tghid li damet hafna iccempel lill-konvenut u lil Noel Borg biex il-konvenut jiffirma l-kambjali, u eventwalment il-konvenut mar jiffirma l-kambjali xi xahar u nofs jew xahrejn wara.
2. Katya Izzo hija kategorika li l-konvenut iffirma l-kambjali quddiemha, u li hi kienet irrimarkatlu li l-firma tieghu fuq il-kambjali ma kienitx taqbel mal-firma fuq il-karta tal-identita, imma hu qalilha li hu hekk kien jiffirma.
3. Fix-xhieda tieghu, il-konvenut imkien ma jsemmi li meta hu u Noel Borg marru biex jixtru l-mutur, ha mieghu lil Publius Zammit.
4. Il-Qorti ma tistax tifhem, kif il-konvenut jghid li Noel Borg kien se jidhol shab mieghu fid-dghajsa, imma fl-istess nifs jghid li Noel Borg dak iz-zmien ma kellux flus, u ghalhekk kien il-konvenut li hallas l-ewwel depozitu, u fil-fatt l-ircevuta inharget fuq il-konvenut. Jekk Noel Borg ma kellux flus biex ihallas l-ewwel depozitu, ma tantx kien juri sinjal tajjeb li se jhallas il-bilanc f'pagamenti mensili.
5. Il-konvenut jghid li ma jiftakarx li kien joqghod fl-indirizz imnizzel fil-kambjalijiet, izda dan l-indirizz huwa l-istess wiehed fuq il-karta tal-identita tal-konvenut, li ezebiet Katya Izzo, ghax kienet hadet kopja taghha.[2]
6. Ix-xhieda ta' Publius Zammit, li skont ma jghid hu – ghax lanqas il-konvenut ma jghidha – mar mal-konvenut u Noel Borg biex jixtru l-mutur hija ghal kollox inveritiera u tikkontradici dak li jghid il-konvenut. Fil-fatt Publius Zammit xehed li l-konvenut kien sellef elf lira Maltin (Lm1000) lil Noel Borg – haga li la l-konvenut u lanqas Noel Borg ma jghidu. Dan ix-xhud jghid testwalment hekk *"jien u Jesmond bqajna barra u dahal gewwa Noel Borg, Dan irranga xi*

[2] Ara fol. 36 tal-process.

*karti gewwa u l-mutur qalilna li xtrajnih."*[3] Din ix-xhieda mhux biss tikkontradici dak li xehdet Katya Izzo, pero anke dak li xehed il-konvenut stess.

7. Imbaghad dan ix-xhud jghid hekk *"Il-karti kollha gew iffirmati ma' ta' Mizzi minn Noel Borg u Jesmond Vella ma ffirma xejn. Fil-fatt flus Jesmond Vella ma hareg xejn. Jiena lil Jesmond ma rajtu jiffirma l-ebda kambjala."*[4] Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li jekk skont dan ix-xhud, hu u Jesmond baqghu barra, certament ma jistghax jghid x'iffirma Noel Borg li kien gewwa. Inoltre, jikkontradici lil Jesmond Vella li jghid li l-ewwel depositu hallsu hu, ghax Noel Borg ma kellux flus. Rigward il-fatt li ma rax lil Jesmond jiffirma kambjali, dan huwa veru, ghax kif xehdet Katya Izzo, dakinhar li nxtara l-mutur, il-konvenut ma ffirmax il-kambjali ghax ma kienux lesti, imma iffirmahom kwazi xaharejn wara.
8. Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-konvenut qal hekk *"… … meta jiena ghidtlu "isma inti iffirmajt kambjali", qalli "jiena kuntratt naf li ffirmajt iva imma kambjali ma nafx li iffirmajt"*[5] Issa kif sewwa irrileva l-abbli difensur tas-socjeta attrici, il-firma fuq il-*hire purchase agreement* u dik fuq il-kambjali jixxiebhu hafna u huma differenti minn dawk fuq il-karta tal-identita u l-licenzja tas-sewqan tal-konvenut. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, fuq bazi ta' probabbilita, min iffirma l-kuntratt, iffirma wkoll il-kambjali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici hamest elef mitejn u wiehed u sebghin Euro u sitta u sittin centezmu (€5271.66) – ekwivalenti ghas-somma ta' elfejn, mitejn tlieta u sittin liri Maltin, tnax-il centezmu u erba' millezmi (Lm2,263.124) - import ta' kambjali minnu accettati u ffirmati, bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi tal-ittri ufficjali u tal-mandati kawtelatorji li gew pprezentati kontestwalment ma din il-kawza, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

---

[3] Ara xhieda ta' Publius Zammit a fol. 68 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Publius Zammit a fol. 69 tal-process.
[5] Pagna 5 tat-trattazzjoni orali.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------